**Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council**
73, Triq Sana Maria, Ħal Tarxien. TXN 1704
Tel: 21666688, 21666777
Email: tarxien.lc@gov.mt
Web: www.tarxienlc.com

Minuti tal-laqgħa annwali tal-lokalita' għas-sena 2023, li nżammet 43A, *Reach Out Centre-Community Hall*, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien nhar l-Erbgħa 12 ta' April 2023, fis-7:30 pm.

**Prezenti:**

Joseph Abela Galea -Sindku
Darlene Vella Zammit -Viċi Sindku
Neil Portelli – Kunsillier
Thomas Debattista – Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier
Ismael Dalli – Kunsillier

**Skużata:**
Anabelle Marmara' – Kunsillier

**Uffiċjal Prezenti:**

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

01 **Qari tal-minuti tal-ahhar laqgha**

01/01 Is-Sindku qara il-minuti ta' l-ahhar laqgha hekk kif mitlub fl-Att dwar il-Gvern Lokali (KAP 363) Artiklu 70, u spjega ghalfejn isiru dawn il-laqghat flimkien mar-residenti, filwaqt li rringrazjat lill- kull min attenda u nforma lir-residenti li intbghatet ittra f`kull residenza ghaldastant kulhadd mgharraf bil-laqgha annwali.

02 **Prezentazzjoni tar-Rapport Amministrattiv-2022**

02/01 Is-Sindku prezenta r-Rapport Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ghas-sena 2022/2023 u spjega l-hidma li saret mill-Kunsilliera skond id-dekasteri taghhom.

03 **Prezentazzjoni tal-Estimi finanzjarji ghas-sena 2022**

03/01 Is-Sindku prezentat l-Estimi Finazjarji tal-Kunsill Lokali u spjega l-oggettivi tal-Kunsill sabiex li filwaqt li l-Finanzi jibqghu jitjiebu il-Kunsill jibqgha ghaddej bil-hidma kontinwa ghall-gid tal-lokalita'.

04 **Prezentazzjoni tal- Pjan ta' Hidma**

04/01 Is-Sindku prezenta l-Kunsilliera u qal x inhuma d-dekasteri taghhom.

Is-Sindku prezenta l-Pjan ta' Hidma ghas-sena 2023 u spjega li apparti mix-xoghol ta'servizzi fil-Komunita` inbdew ukoll progetti ohra. Is-Sindku qal li fil-granet li gejjijn se jibdew zewg progetti fi Gnien Joanne fejn se tinbidel il-kurduna tal-Gnien, jigu nstallati bandli godda inkluz bandla tad-dizabilta u tapit gdid, installazjoni ta` fanali godda inkluz struttura tal-injam mill-isbah li se tkun bid-dawl. Is-Sindku spjega li dan il-progett se jsir parti minn Fondi Norvegizi u parti minn fondi tal-LESA. Is-Sindku qal li gew allokati 30,000Eur mill-allokazzjoni tal-Kunsill sabiex jigu midjura l-gonna kollha tal-lokalita` sabiex ikun hemm aktar access ghall-pubbliku.

Is-Sindku habbar li l-van tal-elettriku ghall-anzjani qabad sew u qed ikun siewi sabiex jinghata servizz lill-anjani b`xejn. Is-Sindku qal li se jitwahlu wkoll tabelli sabie ikun hemm gwida tal-istages.

Is-Sindku nforma lill-pubbliku li dalwaqt jibda` l-progett tal-5 *aside* grawnd u se jitrangaw il-bandli wkoll.

Is-Sindku spjega li saret pjanta ghall-Gnien Penza u l-Kunsill se jkun qed japplika ghall-fondi sabiex il-Gnien isir mill-gdid.

Is-Sindku nforma lir-residenti li l-progett tal-Pjazza se jkun qed jibda` wara l-festa u l-Kunsill se jkun qed jaghmel tajjeb finanjarment ghall-pavimentar u d-dawl mill-fondi tad-*Development Planning Funds.*

Is-Sindku nforma l-pubbliku li qed isir *Tender* ghat-tabelli u sinjali zebgha tal-art u ghamara tat-Triq sabiex il-Kunsill Lokali jkun jista`jdur dak kollu li wasal biex jinbidel jew izid dak li jkun hemm bzonn.

Is-Sindku nforma lir-residenti li wasal biex jigi aggudikat it-*Tender* tal-*bulky refuse* u l-gabra se tibda`tkun kuljum sabiex tibqa` tinzamm l-indafa. Is-Sindku spjega li l-lokalita` rebhet zewg premji fuq l-indafa minghand il-Wasteserv fejn il-Kunsill l-ewwel ha t-tieni post u s-sena ta` wara rega` kwalifika t-tielet post.

Is-Sindku nforma lir-residenti li se jkun hemm skema ohra tal-indafa li hija relatata mal-klieb fejn se jitqassmu boroz mill-Kunsill lill-kull min ghandu kelb bic-cippa. Is-Sindku qal li se jigu wkoll installati 25 *bins* tal-klieb aktar u se jitpoggew tabelli fil-hamrija sabiex l-individwu jkun avzat u jekk xi hadd jikser il-ligi jkun jista` jigi mharrek.

Is-Sindku nforma l-pubbliku li minn meta l-Kunsill gie elett saru tlittax il-Triq minn *Infrastrusture* Malta u l-parkegg il-kbir ta` fejn l-iskola. Is-Sindku qal li bhalissa qed isir wara San Bert fejn se jsir pavimentar fi Triq Sant Anna, Triq il-Blata u Triq Barilmew. Is-Sindku spjega li dalwaqt se jsir ix-xoghol fuq erba`Toroq ohra u se ssir ukoll rigenerazzjoni mill-gdid ta` Triq San Tumas minn *Infrastructure* Malta b` kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali. Is-Sindku nforma lir-residenti li Triq in- Neolitici se ssir ukoll pero` *resurfacing* biss ghax hemm problema bil-*heritage* minhabba t-Tempji.

**05** **<u>Mistoqsijiet/Suġġerimenti mill-pubbliku</u>**

05/01 **Suggeriment** – Sabiex il-Kunsill Lokali ta`Ħal Tarxien jitkellem mal-Kunsill Lokali ta` Rahal Gdid biex jitrangaw il-*potholes* li hemm Triq Ħal Tarxien.

*Is-Sindku wiegeb li ma jistghax jobbliga l-Kunsill ta` Rahal Gdid biex jirranga l-potholes ghax il-Kunsill jaf ikollu prioritajiet ohra fit-Toroq.*

05/02 **Mistoqsija / Ilment** – Sabiex tigi nstallata CCTV camera Triq iz-Zejtun minhabba abbuz ta` sewqan.

*Is-Sindku wiegeb li speed cameras isiru fit-Toroq principali imma tista` tigi nstallata sleeping police pero` l-ewwel irid jivverifika ma Transport Malta.*

05/03 **Suggeriment**– Sabiex tigi restawrata id-Dar tal-Kejka.

*Is-Sindku wiegeb li se jkun qed jivverifika kif jista` jaghmel sabiex id-Dar tal-Kejka tigi restawrata.*

05/04 **Suggeriment** – Sabiex il-Kunsill jippartecipa fil-Kummissjoni Nazzjonali tal-anzjani.

*Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill Lokali lest li jippartecipa u jassisti fejn jista`.*

05/05 Is-Sindku, l-Vici Sindku u l-Kunsilliera rringrazzjaw lir-residenti li ghogbhom jattendu ghall-Laqgha Annwali Generali u wrew l- apprezzament ghall-partecipazzjoni u heggu sabiex ghall- aktar suggerimenti, lmenti u mistoqsijiet dawn jistghu jintbghatu fuq l-emejl tal-Kunsill taxien.lc@gov,mt jew isir kuntatt fuq il-linja telefonika 21666688.

Il-laqgha spiccat fit- 8.30pm.

Joseph Abela Galea
Sindku

Emma Vella
Segretarju Ezekuttiv